MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 376/2004

**HSBC Home Loans (Malta)Limited gia Lohombus Corporation Limited**
**vs**
**Grazio u Emanuela konjugi Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata t-tnax (12) ta' Jannar 1994, is-socjeta' esponenti rendiet l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph R. Darmanin tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 1989 ezekuttiv a tenur ta' l-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalkemm ghaddew iktar minn hames snin minn meta l-kuntratt sufferit seta jigi ezegwit, l-intimati ghadhom ma hallsux d-dejn dovut lis-socjeta' rikorrenti.

Illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha interess illi l-istess kuntratt jerga’ jigi rez ezegwibbli u inforzabbli sabiex tkun tista’ tezegwixxi ghall-hlas tal-kreditu taghha.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha tawtorizzaha tinforza u tezegwixxi l-imsemmi kuntratt sabiex tottjeni l-hlas tad-dejn dovut lilha, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jipprezentaw nota risposta u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;
Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------